# *X'Seħħ Ħamsa u Għoxrin Sena Ilu*

Mario Formosa Holt

Bl-għajnuna t'Alla u ta' Marija Ommna Kewkba tal-Baħar, din is-sena qegħdin infakkru għeluq il-mija-u-ħamsin sena tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla fil-bini tal-Knisja ta' Stella Maris, kif ukoll għeluq il-mija-u-għoxrin sena mit-twaqqif ta' l-Ewwel Parroċċa Slimiża. Naturalment dan ifisser li ħamsa-u-għoxrin sena ilu, ġie ċċelebrat l-Ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa ddedikata lil Marija Kewkba tal-Baħar.

Bla dubju ta' xejn, nistgħu ngħidu li dan l-avveniment storiku, ta' darba kull mitt sena, ġab ħeġġa ġdida u fervur f'qalb ħafna parruċċani. Kienu bosta li għenu sabiex il-festi ċentinarji f'ġieħ Marija Stella Maris ikunu success. Ġie rreġistrat qawmien ġdid fost dawk inkarigati mill-armar ta' barra. Ħalli niftehmu, nies dilettanti ta' l-armar dejjem kien hawn, anzi l-festa tagħna minn dejjem kienet magħrufa għal kwantità ta' armar li jintrama, Iżda dan b'xorti ħażina jew ġralu ħafna ħsara jew agħar minn hekk sab ruħu band' oħra. Lejn l-1978, appuntu s-sena taċ-ċentinarju, inħass qawmien ġdid anke f'dan is-settur u allura naraw it-twelid formali ta' l-Għaqda Żgħażagħ ta' l-Armar, sabiex hekk din l-Għaqda kawtiela, din is-sena hi wkoll tfakkar anniversarju mportanti għaliha – għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tagħha. Fost l-armar li erġajna rajna fit-toroq tagħna dakinhar wara ħafna snin, kienu appuntu l-anġli li ġew restawrati mill-istatwarju Slimiż, Anthony Cuschieri. Dawn l-anġli reġgħu raw id-dawl bis-saħħa ta' l-inizjattiva li ħadu s-Sinjuri John Aquilina u Mosè Falzon (li din is-sena jagħlaq għaxar snin li ħalliena, li Iżda għadu jgħix fostna permezz ta' uliedu Silvio u Michael żewġ pilastri kbar tal-festa tagħna). Għal dik is-sena ċentinarja ġew mislufa lilna l-kolonni ta' l-anġli tal-Ħamrun.

Sabiex Ihejju programm xieraq kien twaqqaf kumitiat ċentrali organizzattiv flimkien ma' erba' sotto-kumitati. Il-kumitat ċentrali taċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju kellu bħala kopresidenti lir-Rev. Dun Karm Bianco, il-Kappillan ta' dak Iż-żmien flimkien ma' l-Onor Mimħallef Dr Ċensu Scerri, President tal-Filarmonika Stella Maris. L-erba' sotto-kumitati l-oħra kienu wieħed għall-Festi Interni, l-ieħor għall-Festi Esterni, Kummissjoni ta' Fund Raising, u Kummissjoni ta' l-Exhibition.

Il-festi ġewwa l-Knisjta bdew bis-Sibtijieit ta' tħejjija. B'xorti ħażina, ikollna ngħidu li anke din id-drawwa sabiħa nqatgħet mill-Festa tagħna. Dawn is-seba' sibtijiet ta' tħejjija għall-festa propja bdew nhar it-8 ta' Lulju u ntemmu s-Sibt 19 t'Awissu. Nhar is-Sibt 5 t'Awissu sar il-Ftuħ ta' Wirja Storika ġewwa l-Kunvent tas-Sorijiet ta' St. Joseph. Kien inawgura l-Wirja l-E.T. Sir Anthony Mamo u din tbierket mir-Rev. Prof. Mons. Arturo Bonnici, Vigarju Ġenerali ta' l-Arċidjoċesi. Kienet wirja verament interessanti, fejn taħt saqaf wieħed ġew esebiti diversi oġġetti u għadd ġmielu ta' ritratti storiċi li b'mod li jqanqlek urew il-mixja ta' L-Ewwel parroċċa Slimiża f'mitt sena ta' storja. Fl-istess okkażjoni ġie llanċjat il-ktieb li s-Sur Maurice Busietta ħareġ għall-istess festi ċentinarji, bit-titlu ta' Tas-Sliema, Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris. Is-Sur Maurice għandu l-mertu li permezz tal-kitba ta' din ix-xorta, kien l-ewwel wieħed li tefa' ftit dawl fuq l-istorja tal-Parroċċa ta' Stella Maris.



Il-lapida li tfakkar għeluq il-mitt sens mit-twaqqif tal-Parroċċa Matriċi ta' Tas-Sliema

Il-Ġimgħa 18 t'Awissu fis-6.30pm saret kon`ċelebrazzjoni ġewwa l-Knisja Parrokkjali mill-kappillan Dun K. Bianco flimkien mas-saċerdoti tal-Parroċċa b'sufragju ta' dawk il-Qassisin, Porkuraturi u Sekulari li kellhom x'jaqsmu mal-bini u t-tiżjin tal-knisja tul-is-snin. L-għada s-Sibt, dejjem fil-Knisja Parokkjali saret Folk Mass għaż-żgħażagħ. Iċ-ċelebrant kien is-saċerdot ta' fama qaddis u fundatur tad-Dar tal-Providenza, Mons Mikiel Azzopardi. Fi tmiem l-istess quddiesa, Mons. Azzopardi ġie pprezentat b'għotja b'risq l-istess Dar tal-Providenza. Wara sar Rużarju Meditat ġewwa Pjazza Annunzjata. Fl-istess jum tas-Sibt, ingħata bidu

għar-Regatta ta' jumejn li saret fil-Port ta' Marsamxett u li ġiet organizzata mill-Birzebbuga Sailing Club.

It-Tnejn 21 ta' Awissu ġiet iċċelebrata quddiesa mir-Rev. Mons. L. Gatt, dak iż-żmien Rettur tas-Seminarju (ninnutaw li matul il-ġimgħa propja tal-festa dejjem iċċelebraw quddies Monsinjuri li kellhom konnessjoni mill-qrib mal-Parroċċa ta' Stella Maris). Wara l-istess quddiesa il-Banda Stella Maris laqgħet il-Hruġ tal-Vara min-Niċċa u wara kompliet b'marċ sa' Għar id-Dud fejn ittella Programm Mużikali.

It-Tlieta 22 t' Awissu ttellgħet Akkademja Mużiko-Letterarja ġewwa l-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Kor ta' San Ġiljan. Bħala mistienda distinti prinċipali kien hemm l-ET. Mon. Sir M. Gonzi, Arċisqof Emeritus u l-Prim Imħallef Prof. J.J. Cremona. Fi tmiem din l-istess Akkademja sar il-kxif u t-tberik ta' rħama kommemorattiva, fuq wieħed mill-bibien tal-kampnari, mill-istess Isqof Mikiel Gonzi (ara ritratt).

L-Erbgħa 23t' Awissu, it-temp ma tantx kien sabiħ, ċlampu bix-xita mdendla u l-anġli appena rrestawrati ħadu l-ewwel "shower" tagħhom. Il-voluntiera ta' l-armar kellhom battikata ġmielha jgħattu bil-boroż tal-plastik, li kien ħaseb għalihom is-Sur John Aquilina, lil dawn l-imberkin anġli kif ukoll l-armar tan-niċċa ta' Pawlu Triganza. Wara nofsinhar, it-temp, għalkemm baqa' msaħħab, żamm daqsxejn u setgħet issir it-Translazzjoni Solenni tar-Relikwija li tmexxiet minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Din telqet mill-kunvent tas-Sorjijiet ta' St. Joseph u baqgħet tiela' tul Triq il-Katidral. Fiha, barra Mons Arċisqof ħadu sehem l-ex kappillani Mons. Guido Calleja u Mons. G. Inguanez, kif ukoll Mons. G. Lupi u Mons. L. Gatt, flimkien mal-kleru tal-parroċċa u mal-kappillani tal-parroċċi l-oħra ta' Tas-Sliema. Wara, l-istess Mons. Arċisqof ikkonsagra l-Artal Mejda ġdid li kien ġie mżanżan propju dakinhar. Dan l-Altar Mejda, li dakinhar sewa 3,000 lira Maltin, ikkomplimenta sew ma' l-Artal Maġġur maestuż tal-knisja tagħna, li minnu tneħħiett biss il-mensola (jew aħħar il-parti fejn qabel kien isir il-Quddies bis-Saċerdot darhu lejn in-nies). B'hekk almenu ġiet salvata din l-opra sabiħa ta' rħam fin, mhux kif ġralu b'xorti ħażina l-kanċell ta' l-irħam li kien idawwar il-presbiterju ta' l-istess artal Maġġur. Intant wara l-Pontifikal Solenni mmexxi minn Mons. Arċisqof tkanta l-Innu u ngħatat il-Barka Sagramentali. Malli spiċċat il-funzjoni ġewwa l-knisja, ingħata bidu għal marc mill-Banda Ċittadina King's Own, li kienet, qed terġa' tieħu sehem fil-festi tagħna wara assenza ta' xi snin. Malli l-marċ dar għal Triq San Vinċenz, reġgħet qabdet ftit xita, Iżda malajr waqfet u l-marċ seta jkompli.

Il-Ħamis 24 t'Awissu ġiet iċċelebrata quddiesa mill-W.R. Mons. G. Lupi u wara ġewwa Pjazza Annunzjata ġie mtella kunċert Vokali u Strumentali bis-sehem tal-kor ta' San Ġiljan. Il-Filarmonika Stella Maris kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Paul Arnaud.

Il-Ġmgħa 25 t'Awissu ġewwa l-knisja sar kollox bħal jiem ta' qabel u ffunzjona l-ex-kappillan Mons. G. Calleja. Il-Banda Stella Maris kompliet bl-impenji tagħha, bil-marċ tradizzjonali tal-Ġimgħa.

Is-Sibt 26 t'Awissu, fis-6.30pm saret quddiesa kantata solenni bl-omelija ferm imqanqla tal-maħbub u qatt minsi il-W.R. Mons. G. Inguanez ex-kappillan tal-parroċċa Matriċi ta' tas-Sliema. Fid-9.00pm, il-Banda Stella Maris bdiet marc minn Triq Howard li baqa' nieżel sax-xatt.

Għal ħabta ta' l-10.30pm inħaraq spettaklu ta' nar u kaxxa nfernali ġewwa X-Xatt u wara l-istess Banda Stella Maris kompliet bil-marċ sal-każin fi Pjazza Annunzjata.

Finalment sebaħ il-jum mistenni tal-Ħadd 27 t'Awissu. Dakinhar, barra li kien Jum il-Festa Titulari laħqu l-qofol tagħhom iċ-ċelebrazzjonijiet f'għeluq l-ewwel mitt sena tal-parroċċa Matriċi ta' tas-Sliema. Il-funzjonijiet reliġjużi fetħu b'konċelebrazzjoni pontifikali solenni mill-Illnu. Rev. Abate Dom. Angel Mifsud O.S.B. flimkien mal-kleru tal-parroċċa. Assista minn fuq it-tron l-E.T. Rev. Sir. M. Gonzi, Aċisqof Emeritus ta l-Arċidjoċesi. Kien l-istess Arċisqof Gonzi li ntona it-Te Deum ta' ringrazzjament fi tmiem l-istess quddiesa pontifikali. Il-mużika tal-Cappella Camilleri tmexxiet minn Mro. Dun Guzepp Cachia b'orkestra tant armata li l-mużiċisti u kantanti kellhom joqgħodu fil-kor wara l-artal maġġur. Fl-10.00am, beda l-marċ tradizzjonali tal-Ħadd filgħodu, mill-Banda Stella Maris. Fis-6.00pm sekondi vespri solenni mir-Rev. Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla u fis-7.30pm bdiet ħierġa il-purċissjoni mmexxija mill-istess Kapitlu Kolleġġjali ta' Bormla flimkien fost oħrajn ma' rappreżentanti ta' komunitajiet reliġjużI ta' tas-Sliema. Dakinhar filgħaxija, tat is-sehem tagħha, il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun. Bħas-soltu u bħalma issa ilha tradizzjoni għal diversi snin, malli l-purċissjoni waslet ix-Xatt, inħarqu murtali tal-kulur flimkien ma' kaxxa nfernali spettakolari.

Il-Festi Centinarji għalqu uffiċjalment, l-għada t-Tnejn 28 t'Awissu 1978 b'quddiesa għal morda ġewwsa l-knisja parrokkjali.

Dan kien fil-qosor kif kien iċċelebrat l-Ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa Matriċi ta' Tas-Sliema. Minn dakinhar għadda kwart ta' seklu ieħor minn fuqna lkoll. J'Alla aħna s-Slimiżi tal-lum u dawk tal-futur jibqgħu jafdaw ħilithom fuq il-providenza t'Alla l-Imbierek u fl-imħabba lejn dik l-Omm setgħana, Marija Kewkba tal-Baħar bħalma l-ewlenin Slimiżi għoġobhom jagħżluha bħala Patruna ta' beltna, mija u ħamsin sena ilu.